Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 309/2013

**Lorraine Saliba**
**ID-290974(M)**

**vs**

**Kenneth Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi hi hallset l-ammont ta’ erba’ mija u sittin ewro (€460.00) rapprezentanti transport skolastiku ghal bint minuri tal-partijiet, sal-20 ta’ Mejju, 2013 – kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi (Dok.LS1 u Dok.LS 2). Illi l-intimat huwa responsabbli ghall-hlas ta’ nofs tali spejjez u ghalhekk huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta’ mitejn u tletin ewro (€230.00). Illi ghalkemm l-intimat kien gie interpellat sabiex ihallas, huwa naqas milli jottempera ruhu. Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob li l-intimat jigi


Qrati tal-Gustizzja

kkundannat ihallasha s-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230.00), kif premess.

Bl-imghax legali m'illum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali tad-19 ta' Novembru, 2012 kontra l-intimat, li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa; (1) illi l-konvenut mhux debitur tal-attrici fl-ebda somma u tali pretensjonijiet u talbiet huma infondati fl-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal; (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut mhux responsabbli ghal tali allegati spejjez u m'ghandux obbligu li jhallas l-istess u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza; (3) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici iddikjarat illi l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawza jirraprezenta nofs l-ispejjez li hallset in rigward ta' trasport sabiex bint il-partijiet twasslet l-iskola, u kif jirrizulta mill-kopja tar-ricevuti li jinsabu a fol. 2 u 3 tal-atti, dan is-servizz intuza tul is-sena skolastika Ottubru, 2012 sa Gunju, 2013. Illi dawn l-ispejjez hallsithom hi wahedha, u ddikjarat illi ma kkonsultatx mal-konvenut qabel ma ghamlet dawn l-ispejjez.

Illi l-konvenut da parti tieghu ddikjara illi hu ma giex avzat u nformat mill-attrici illi kienet ser taghmel l-ispejjez mertu ta' din il-kawza, u dan minkejja dak li hemm stipulat fil-kuntratt. Iddikjara illi t-tifla tattendi skola f'tas-Sliema, filwaqt illi t-tifla tghix mal-attrici ommha fil-Kappara, u ghalhekk madwar zewg kilometri l-boghod. Iddikjara wkoll illi l-partijiet resqu l-Qorti sabiex jottjenu dikjarazzjoni ta'

hall taz-zwieg taghhom, u f'dawk il-proceduri l-attrici ddikjarat li ma kien hemm ebda pendenzi bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment. Ikkonferma illi rcieva ittra f'Novembru, 2012, izda xorta baqa' jirrifjuta li jhallas anke wara dik l-ittra. Iddikjara illi jaf illi l-attrici ghandha impieg u jaf ukoll illi l-ispejjez li qed jintalab il-hlas taghhom huma relattivi ghat-trasport filghodu biss, ghaliex wara nofsinhar it-tifla jigbruha mill-iskola l-attrici stess jew in-nanniet materni.

Ikkunsidra,

Illi l-partijiet kontendenti ottjenew is-separazzjoni personali in forza tal-kuntratt pubbliku datat 17 ta' Gunju, 2011, in atti Nutar Dottor Victor Bisazza, li kopja tieghu tinsab a fol.10 *et seq* tal-atti. Illi fi klawsola 5(d) tal-istess att hemm indikat il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-minuri, oltre illi hemm stipulat ukoll illi "... *Ma' dan l-ammont mensili ghandu jithallas mir-ragel lill-mara nofs l-ammont ghall-bzonnijiet edukattivi tat-tifla u dan isir immedjatament kontra l-presentazzjoni mill-mara lir-ragel ta' kopja tal-hlas li jkun sar fl-interess tal-istess tifla.*"

Illi fi klawsola 5(b)(i) tal-istess att hemm stipulat ukoll "... *illi l-istess partijiet ghandhom flimkien u konguntament jiehdu decizjonijiet importanti dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-imsemmija minuri...*".

Illi l-attrici qed tibbaza din l-azzjoni fuq dak rizultanti minn klawsola 5(d) hawn fuq riportata, filwaqt illi l-konvenut jikkontendi illi mhux tenut illi jwettaq il-hlas ta' dawn l-ispejjez ghaliex l-attrici naqset milli tikkonsulta mieghu qabel ma ddecidiet illi tibghat lit-tifla l-iskola bi trasport privat, u dan kif kienet tenuta li tghamel ai termini ta' klawsola 5(b)(i) imsemmija.

Illi mill-provi li tressqu jirrizulta illi l-minuri tirrisjedi mal-omm, u filwaqt illi jidher illi l-attrici jew il-genituri taghha jigbru lit-tifla mill-iskola fi tmiem il-jum skolastiku, madanakollu, tul is-sens skolastika 2012/2013 l-imsemmija minuri kienet tintbghat l-iskola bit-trasport privat. Illi l-konvenut jikkontendi illi din hija spiza zejda u

kapriccuza ghaliex l-iskola tat-tifla hija biss zewg kilometri l-boghod mir-residenza tal-attrici. Illi ghalhekk jaghti *d'intendere* illi bhal ma l-attrici, jew il-genituri taghha, jigbru lit-tifla mill-iskola fi tmiem il-jum, hekk ukoll dawn jistghu liberament u facilment iwasslu lit-tifla l-iskola filghodu, u ghalhekk tigi evitata din l-ispiza. Illi l-konvenut ikkonferma, madanakollu, illi jaf illi l-attrici tahdem. Illi effettivament jidher illi huwa konsegwenza ta' dan il-fatt illi l-attrici qed tibghat lit-tifla l-iskola bit-trasport privat, u kien ghalhekk illi giet kostretta li tirrikorri ghal dan is-servizz.

Illi l-konvenut jikkontendi wkoll illi gialadarba fil-proceduri ta' divorzju li kien hemm bejn il-partijiet kontendenti ma saret ebda referenza ghal din il-pendenza, allura l-attrici kienet qed tirrinunzja ghal din il-pretensjoni. Illi f'dan ir-rigward ssir referenza ghall-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi kif gej: "*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jinghata hlief b'talba ta' zewg persuni mizzewga flimkien jew ta' wahda minnhom kontra l-ohra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li: ... (c) il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57; ...*".

Ikkunsidra,

Illi filwaqt illi l-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet kontendenti jipprovdi illi l-partijiet ghandhom jikkonsultaw ma' xulxin qabel ma' jiehdu decizjonijiet importanti li jirrigwardaw is-sahha u edukazzjoni tal-minuri, madanakollu, it-Tribunal iqis illi l-intendiment bejn il-partijiet meta giet inserita din il-klawsola kienet f'dak li jirrigwarda decizjonijiet straordinarji rigwardanti l-edukazzjoni ta' binthom, bhal per ezempju liema skola ghandha tattendi, jew decizjonijiet ohra li jistghu jkunu ta' konsegwenza fil-formazzjoni edukattiva ta' binthom. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi decizjoni dwar jekk il-minuri ghandhix tintbaghat l-iskola bi trasport privat, jew le, m'hijiex wahda minn dawk id-decizjonijiet importanti li ghalihom qed issir referenza f'din il-klawsola tal-kuntratt, u ghalhekk ma jaqbilx mat-tezi tal-konvenut illi l-attrici kellha

necessarjament tikkonsulta mieghu qabel ma tghamel tali spiza, partikolarment ladarba din hija spiza mehtiega. Illi se mai l-kortezija kienet tirrikjedi illi l-attrici tinformah dwar din il-htiega qabel ma pprocediet bid-decizjoni taghha, anke biex taghti lill-konvenut il-possibilita' illi joffri xi alternattiva ohra. Madanakollu, rrizulta wkoll illi l-konvenut gie avzat permezz ta' ittra li ntbaghtet lilu f'Novembru, 2012 illi l-attrici nkorriet din l-ispiza ghat-trasport; ghalkemm il-konvenut iddikjara li wara li rcieva din l-ittra hu oggezzjona ghal dawn l-ispejjez, mill-atti ma jirrizultax x'kienet il-kontestazzjoni tieghu, u cioe' jekk kienx qed joffri xi alternattiva jew soluzzjoni sabiex din l-ispiza tigi evitata. Illi ghalhekk ma kienx sufficjenti, fil-fehma tat-Tribunal, illi jikkontesta tali spejjez, izda li *se mai* jigu esplorati possibilitajiet sabiex din l-ispiza tigi evitata; dan qed jinghad dejjem fid-dawl tal-fatt illi l-ispiza in kwistjoni ma tistax titqies bhala wahda frivola.

Illi lanqas dan it-Tribunal ma jaqbel mat-tezi tal-konvenut illi l-fatt li l-attrici naqset milli tirrileva – waqt li kienu ghaddejjin bejniethom il-proceduri ta' divorzju – illi dan id-debitu da parti tal-konvenut kien ghadu dovut allura necessarjament ifisser illi hi rrinunzjat ghalih, jew li tali debitu allura m'huwiex dovut, ghaliex l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jqis il-hlas regolari ta' manteniment – fejn dan ikun dovut – bhala wiehed mill-kweziti sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg, u mhux il-hlas ta' spejjez ohra relatati mat-trobbija tal-minuri. Illi f'dan il-kaz, din l-ispiza li hija wahda edukattiva, hija oltre l-manteniment, li gie likwidat fl-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280.00) fix-xahar, u mhux xi parti integrali minnu. Illi jsegwi ghalhekk illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ma kienetx ser twaqqaf l-ghotja ta' pronunzjament ta' hall taz-zwieg bejn il-partijiet in bazi tal-fatt illi kien fadal din il-pendenza bejniethom. Illi ghalhekk it-Tribunal qed jirrispengi bhala legalment infondata din il-linja difenzjonali tal-konvenut.

Illi t-Tribunal iqis ukoll bhala ferm rilevanti l-fatt illi l-kuntratt ta' separazzjoni personali li in bazi tieghu giet proposta din l-azzjoni, jipprovdi illi tali spejjez edukattivi ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet f'sehem indaqs

bejniethom, u mhux li jigu sopportati unikament minn xi parti jew ohra, f'dan il-kaz il-konvenut. Illi dan l-istat ta' fatt iwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment ulterjuri illi l-attrici ma kellha ebda interess illi tinkorri tali spiza inutilment, partikolarment ladarba hi personalment kienet ser tbati nofsha.

Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont pretiz mill-attrici huwa dovut, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.
Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.
L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------